31975R2771

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2771/75 TAL-KUNSILL tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi mill-adozzjoni tagħhom id-dispożizzjonijiet bażiċi li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tas-suq tal-bajd ġew emendati kemm il-darba; billi, għar-raġuni tan-numru tagħhom, il-kumplessità tagħhom u t-tixrid tagħhom fost il-Ġurnali Uffiċjali varji, huwa diffiċli li jintużaw it-testi relevanti u għalhekk jonqoshom iċ-ċarezza li għandha tkun fattur essenzjali tal-leġislazzjoni kollha; billi għandhom għalhekk jiġu kkonsolidati f'test wieħed;

Billi l-operazzjoni u l-iżvilupp tas-suq komuni fi prodotti agrikoli għandu jkollhom magħhom l-istabbiliment ta' politika agrikola komuni sabiex tiġi inkluża b'mod partikolari organizzazzjoni komuni tas-swieq agrikoli, li jistgħu jkunu ta' varji forom jiddependi fuq il-prodott;

Billi l-mira tal-politika agrikola komuni hi li jintlaħħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat; billi, fis-settur tal-bajd, sabiex jiġu stabiliżżati s-swieq u sabiex jiġi żgurat livell ta' għajxien għall-Komunità agrikola kkonċernata, għandha ssir dispożizzjoni għal miżuri biex jiffaċilitaw l-aġġustament tal-fornitura għall-ħtiġiet tas-suq;

Billi l-ħolqien ta' suq wieħed tal-bajd jinvolvi l-introduzzjoni ta' sistema singola ta' kummerċ fil-fruntieri esterni tal-Komunità, din is-sistema għandha tinkludi imposti u rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni;

Billi sabiex jintlaħaq dan l-iskop għandu bħala regola ġenerali jkun suffiċjenti li jiġu introdotti, fir-rigward ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, imposti li jieħdu kont ta' l-inċidenza fuq spejjeż ta' għalf tad-differenza bejn prezzijiet għal żerriegħa ta' l-għalf fil-Komunità u fis-suq dinji, u tal-bżonn li l-industrija Komunitarja ta' l-ipproċessar tiġi pprotetta;

Billi huwa neċessarju li jiġu evitati disturbi fis-suq Komunitarju kkawżati minn offerti magħmula fis-suq dinji bi prezzijiet baxxi b'mod anormali; billi għal dan l-iskop il-prezzijiet fuq ammont ikkontrollat għandhom ikunu fissi u l-imposti għandhom jiżdiedu b'ammont addizzjonali meta prezzijiet ta' offerta b'xejn fuq il-fruntiera huma iktar baxxi minn dawk il-prezzijiet;

Billi dispożizzjoni għal rifużjoni fuq esportazzjonijiet għal pajjiżi terzi ugwali għad-differenza bejn il-prezzijiet fil-Komunità u fis-suq dinji kienet isservi biex tissalvagwardja parteċipazzjoni Komunitarja f'kummerċ internazzjonali tal-bajd; billi sabiex l-esportaturi Komunitarji jingħataw ċertu ammont ta' sigurtà fir-rigward ta' l-istabbilità ta' rifużjonijiet, għandha ssir dispożizzjoni biex tippermetti li r-rifużjonijiet fuq il-bajd jiġu bil-quddiem;

Billi, flimkien mas-sistema deskritta hawn fuq, għandha ssir dispożizzjoni biex jiġi pprojbit, kompletament jew parzjalment, meta s-sitwazzjoni fis-suq teħtieġ hekk l-użu ta' arranġamenti għal ipproċessar intern;

Billi s-sistema ta' l-imposti tagħmilha possibbli li jitwarrbu l-miżuri l-oħrajn kollha ta' protezzjoni fil-fruntieri esterni tal-Komunità; billi, madankollu, il-mekkaniżmu ta' l-imposti jista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali jkun difettuż; billi f'dawn il-każijiet, sabiex is-suq Komunitarju ma jitħalliex mingħajr difiża kontra disturbi li jistgħu joriġinaw minn hemm wara li l-barrieri fuq l-importazzjoni li eżistew preċedentement ikunu tneħħew, il-Komunità għandha tkun tista' tieħu l-miżuri neċessarji kollha mingħajr dewmien;

Billi restrizzjonijiet fuq ċirkolazzjoni libera li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' miżuri intiżi biex jipprevjenu t-tixrid ta' mard ta' l-annimali jistgħu jikkawżaw diffikultajiet fis-suq ta' Stat Membru wieħed jew iktar; billi huwa neċessarju li ssir dispożizzjoni għall-adozzjoni ta' miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq biex tiġi rimedjata din is-sitwazzjoni;

[1] ĠU C 60, tat-13.3.1975, p.41.

Billi, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri proposti, għandha tiġi pprovduta proċedura biex tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Amministrattiv;

Billi, l-istabbiliment ta' suq wieħed kien ikun ipperikolat bl-għoti ta' ċerti għajnuniet; billi, għalhekk, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat li jippermettu l-istima ta' għajnuniet mogħtija mill-Istati Membri u l-projbizzjoni ta' dawk li huma inkompatibbli mas-suq komuni għandhom isiru biex japplikaw għall-bajd;

Billi l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd għandha tieħu kont b'mod approprjat u fl-istess ħin ta' l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 39 u 110 tat-Trattat;

Billi l-ispiża li jiltaqgħu magħha l-Istati Membri bħala riżultat ta' l-obbligi li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jaqgħu fuq il-Komunità skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 [1] tal-21 ta'April 1970 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni, kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1566/72 [2],

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. L-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd għandha tkopri l-prodotti li ġejjin:

Intestatura CCT Nru	Deskrizzjoni tal-merkanzija
(a) 04.05 A I	Bajd tat-tjur fil-qoxra, friski jew ippreservati
(b) 04.05 B I	Bajd mhux fil-qoxra u isfra tal-bajd tajbin għall-konsum mill-bniedem, friski, imnixxfa jew ippreservati xort'oħra, mogħtija z-zokkor jew le

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "bajd fil-qoxra" jfisser bajd tat-tjur fil-qoxra, friski jew ippreservati, ta' xort'oħra minn bajd għat-tfaqqis speċifikat f'(b);

(b) "bajd għat-tfaqqis" ifisser bajd tat-tjur għat-tfaqqis;

(ċ) "prodotti sħaħ" ifissru bajd tat-tjur mhux fil-qoxra, tajbin għall-konsum mill-bniedem:

— friski jew ippreservati, mogħtija z-zokkor jew le,

— imnixxfa, mogħtija z-zokkor, jew le;

(d) "prodotti separati" ifisser l-isfra tal-bajd tat-tiġieġ, tajbin għall-konsum mill-bniedem:

— friski jew ippreservati, mogħtija z-zokkor jew le,

— imnixxfa, mogħtija z-zokkor jew le;

(e) "kwart" ifisser perjodu ta' tliet xhur li jibda fl-1 ta' Frar, l-1 ta' Mejju, l-1 ta' Awwissu jew l-1 ta' Novembru.

L-Artikolu 2

1. Sabiex tiġi inkoraġġita azzjoni mill-kummerċ u minn organizzazzjonijiet konġunti tal-kummerċ għall-faċilitazzjoni ta' l-aġġustament tal-fornitura lill-ħtiġiet tas-suq, bl-eċċezzjoni ta' azzjoni li tirrelata għal irtirar mis-suq, il-miżuri Komunitarji li ġejjin jistgħu jittieħdu fir-rigward tal-prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1):

— miżuri biex jippromwovu organizzazzjoni aħjar tal-produzzjoni, ta' l-ipproċessar u tal-*marketing*,

— miżuri għat-titjib tal-kwalità,

— miżuri li jippermettu l-istabbiliment ta' tbassir għal żmien qasir u għal żmien twil fuq il-bażi tal-mezz ta' produzzjoni użat,

— miżuri biex jiffaċilitaw l-irreġistrar tat-tendenzi fil-prezzijiet tas-suq.

Regoli ġenerali li jikkonċernaw dawn il-miżuri għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 43(2) tat-Trattat.

2. Għal prodott wieħed jew iktar speċifikat fl-Artikolu 1(1), għandhom jiġu adottati standards ta' *marketing*. Dawn l-istandards jistgħu jirrelataw b'mod partikolari għal gradazzjoni skond il-kwalità u l-piż, l-ippakkjar, it-trasport, il-preżentazzjoni u l-*marketing*.

L-Istandards, il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni tagħhom għandhom jiġu adottati mill-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 3

Imposta, ffissata bil-quddiem għal kull kwart skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17, għandha tintalab fuq importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1).

[1] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.
[2] ĠU L 167, tal-25.7.1972, p. 5.

L-Artikolu 4

1. L-imposta fuq bajd fil-qoxra għandha tkun magħmula minn:

(a) komponent ugwali għad-differenza bejn il-prezzijiet fil-Komunità u fis-suq dinji għall-kwantità ta' żerriegħa ta' l-għalf meħtieġa għall-produzzjoni fil-komunità ta' kilogramma ta' bajd fil-qoxra.

Il-prezzijiet għaż-żerriegħa ta' l-għalf fil-Komunità għandhom jiġu ddeterminati darba fis-sena għal perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' Awwissu, fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' l-għatba għal din iż-żerriegħa u ż-żieda fix-xahar tagħhom.

Il-prezzijiet għaż-żerriegħa ta' l-għalf fis-suq dinji għandhom jiġu ddeterminati kull kwart fuq il-bażir tal-prezzijiet għal dan l-għalf għas-sitt xhur li jippreċedu l-kwart li tulu l-komponent imsemmi huwa kkalkolat.

Madankollu, meta l-imposti applikabbli mill-1 ta' Novembru, l-1 ta' Frar u l-l ta' Mejju jkunu qegħdin jiġu ffissati, tendenzi fil-prezzijiet tas-suq dinji għaż-żerriegħa ta' l-għalf għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk fl-istess ħin ikun qed jiġi ffissat prezz ta' ammont ikkontrollat ġdid;

(b) komponent ugwali għal 7 % tal-medja tal-prezzijiet ta' l-ammont ikkontrollat li japplikaw għall-erba' kwartijiet li jippreċedu l-1 ta' Mejju ta' kull sena.

Dan il-komponent għandu jiġi kkalkolat darba fis-sena għal perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' Awwissu.

2. L-imposta fuq bajd għat-tfaqqis għandha tiġi kkalkolata bl-istess mod bħall-imposta fuq il-bajd fil-qoxra. Madankollu, il-kwantità ta' żerriegħa ta' l-għalf li għandha tiġi użata għandha tkun dik meħtieġa għall-produzzjoni fil-Komunità ta' bajda waħda għat-tfaqqis; il-prezz ta' l-ammont ikkontrollat għandu jkun dak applikabbli għal bajd għat-tfaqqis.

3. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu:

— jistabbilixxi l-ammont ta' żerriegħa ta' għalf meħtieġ għall-produzzjoni ta' kilogramma waħda ta' bajd fil-qoxra u l-kwantità ta' żerriegħa ta' l-għalf meħtieġa għall-produzzjoni ta' bajda waħda għat-tfaqqis, u l-perċentwali taż-żerriegħa ta' l-għalf varji inklużi f'dawn il-kwantitajiet,

— jadotta regoli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

L-Artikolu 5

1. Fir-rigward tal-prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1)(b), l-imposta għanda tiġi dderivata mill-imposta fuq bajd fil-qoxra kif ġej:

— fir-rigward ta' prodotti sħaħ, fuq il-bażi tal-kwantità ta' bajd fil-qoxra użat fil-fabbrikazzjoni ta' kilogramma waħda ta' dawn il-prodotti,

— fir-rigward ta' prodotti separati, fuq il-bażi tal-kwantità ta' bajd fil-qoxra użata fil-fabbrikazzjoni ta' kilogramma waħda ta' dawn il-prodotti u tal-proporzjon medju bejn il-valuri tas-suq tal-kostitwenti tal-bajd.

2. Il-Koeffiċjenti li jesprimu l-kwantitajiet u l-proporzjon imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jiġu ffissati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17. L-informazzjoni użata fl-iffissar tal-koeffiċjenti għandha tiġi rikonsiderata mill-inqas darba fis-sena.

L-Artikolu 6

Meta prezz sostanzjali jiġi rreġistrat fis-suq Komunitarju u din is-sitwazzjoni x'aktarx tkompli, u hekk tiddisturba jew thedded li tiddisturba s-suq, il-miżuri neċessarji jistgħu jittieħdu.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

L-Artikolu 7

1. Il-prezzijiet ta' ammont ikkontrollat għandhom jiġu ffissati bil-quddiem għal kull kwart skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

2. Il-prezz tal-bajd bil-qoxra fuq ammont ikkontrollat għandu jkun magħmul minn:

(a) ammont ugwali għall-prezz fis-suq dinji għall-kwantità ta' żerriegħa ta' għalf meħtieġa għall-produzzjoni f'pajjiżi terzi ta' kilogramma waħda ta' bajd fil-qoxra;

(b) ammont standard li jirrapreżenta l-ispejjeż ta' l-għalf l-oħrajn u l-ispejjeż żejda tal-produzzjoni u tal-*marketing*.

Il-prezz għall-kwantità ta' żerriegħa ta' l-għalf fis-suq dinji għandu jiġi ddeterminat kull kwart fuq il-bażi tal-prezzijiet għal din iż-żerriegħa għas-sitt xhur li jippreċiedu l-kwart li tulu l-prezz fuq l-ammont ikkontrollat huwa ffissat.

Madankollu, meta l-prezz fuq ammont ikkontrollat applikabbli mill-1 ta' Novembru, l-1 ta' Frar u l-1 ta' Mejju, ikun qed jiġi ffissat, it-tendenzi fis-suq dinji ta' prezzijiet għal żerriegħa ta' l-għalf

għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk il-prezz tal-kwantità ta' żerriegħa ta' l-għalf juri varjazzjoni minima minn dak użat fil-kalkolu tal-prezz fuq ammont ikkontrollat għall-kwart preċedenti. L-informazzjoni użata fl-iffissar ta' l-ammont standard imsemmi f'(b) għandha tiġi rikonsiderata mill-inqas darba f'sena.

3. Il-prezz fuq ammont ikkontrollat ta' bajd għat-tfaqqis għandu jiġi kkalkolat bl-istess mod bħall-prezz fuq ammont ikkontrollat ta' bajd fil-qoxra; madankollu, il-prezz għal-kwantità ta' żerriegħa ta' l-għalf fis-suq dinji għandu jkun il-prezz għall-kwantità meħtieġa għall-produzzjoni f'pajjiżi terzi ta' bajda waħda għat-tfaqqis u l-ammont standard għandu jkun l-ammont li jirrapreżenta l-ispejjeż l-oħrajn ta' l-għalf u l-ispejjeż żejda tal-produzzjoni u l-*marketing* fir-rigward ta' bajda waħda għat-tfaqqis.

4. Fir-rigward tal-prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1)(b), il-prezzijiet fuq ammont ikkontrollat għandhom jiġu derivati mill-prezz fuq ammont ikkontrollat għal bajd fil-qoxra, b'kont meħud tad-deprezzar fil-valur tal-materjal bażiku, tal-koeffiċjenti ffissati għal dawn il-prodotti taħt l-Artikolu 5(2) u ta' l-ammont standard li jirrapreżenta l-ispejjeż żejda ta' produzzjoni u *marketing* iffissati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

5. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regoli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

L-Artikolu 8

1. Meta l-prezz ta' offerta b'xejn fuq il-fruntiera għal prodott jaqa' taħt il-prezz fuq ammont ikkontrollat, l-imposta fuq dak il-prodott għandha tiżdied b'ammont addizzjonali ugwali għad-differenza bejn il-prezz fuq ammont ikkontrollat u l-prezz ta' offerta b'xejn fuq il-fruntiera.

2. Madankollu, l-imposta m'għandhiex tiżdied b'dan l-ammont addizzjonali fir-rigward ta' pajjiżi terzi li huma ppreparati u f'pożizzjoni li jiggarantixxu li l-prezz ta' l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' prodotti li joriġinaw fi u li jkunu ġejjin mit-territorju tagħhom ma jkunx iktar baxx mill-prezz fuq ammont ikkontrollat għall-prodott inkwistjoni u li kull diflezzjoni ta' kummerċ tiġi evitata.

3. Il-prezz ta' l-offerta b'xejn fuq il-fruntiera għandu jiġi ddeterminat għall-importazzjonijiet kollha mill-pajjiżi terzi kollha.

Madankollu, jekk l-esportazzjonijiet minn pajjiż terz wieħed jew iktar huma effettwati bi prezzijiet anormalment baxxi, iktar baxxi mill-prezzijiet li japplikaw f'pajjiżi terzi oħrajn, prezz ieħor ta' offerta b'xejn fuq il-fruntiera għandu jiġi ddeterminat għal esportazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi l-oħrajn.

4. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

Meta huma meħtieġa ammonti addizzjonali dawn għandhom jiġu ffissati skond l-istess proċedura.

L-Artikolu 9

1. Sal-limitu neċessarju sabiex il-prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1) ikunu jistgħu jiġu esportati, fl-istat imsemmi hemmhekk jew fil-forma ta' prodotti elenkati fl-Anness I m'hawnhekk, fuq il-bażi ta' prezzijiet għal dawk il-prodotti fis-suq dinji, id-differenza bejn dawk il-prezzijiet u l-prezzijiet fil-Komunità tista' tiġi koperta b'rifużjoni fuq l-esportazzjoni.

2. Ir-rifużjoni għandha tkun l-istess għall-Komunità kollha. Tista' tiġi varjata skond l-użu jew id-destinazzjoni.

Ir-rifużjoni għandha tingħata fuq applikazzjoni mill-parti kkonċernata.

Meta r-rifużjoni tkun qed tiġi ffissata għandu jittieħed kont partikolari tal-bżonn li jiġi stabbilit bilanċ bejn l-użu ta' prodotti bażiċi Komunitarji fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti pproċessati għall-esportazzjoni għal pajjiżi terzi u l-użu tal-prodotti ta' pajjiżi terzi miġjuba taħt arranġamenti ta' pproċessar intern.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regoli ġenerali għall-għoti u l-iffissar bil-quddiem ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni u kirterji għall-iffissar ta' l-ammont tagħhom.

Ir-rifużjonijiet għandhom jiġu ffissati f'intervalli regolari skond il-porċedura stabbilita fl-Artikolu 17. Meta neċessarju il-Kummissjoni tista', fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha proprja, taltera r-rifużjonijiet fil-perjodu intervenenti.

3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

L-Artikolu 10

Sal-limitu neċessarju għall-ħidma tajba ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-bajd, il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jipprojbixxi, kompletament jew parzjalment, l-użu ta' arranġamenti ta' pproċessar intern:

— fir-rigward ta' prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1) li huma intiżi għall-fabbrikazzjoni ta' prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1)(b), u

— f'każijiet speċjali, fir-rigward ta' prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1) li huma intiżi għall-fabbrikazzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I tiegħu.

L-Artikolu 11

1. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tat-Tariffa Doganali Komuni u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha għandhom japplikaw għall-klassifika tariffarja tal-prodotti koperti b'dan ir-Regolament; in-nomenklatura tariffarja li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tifforma parti mit-Tariffa Doganali Komuni.

2. Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan ir-Regolament jew meta deroga minnu hija deċiża mill-Kunsill waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-kummissjoni, dan li ġej għandu jiġi pprojbit:

— l-imposta ta' kull dazju doganali jew piż li jkollu effett ekwivalenti,

— l-applikazzjoni ta' kull restrizzjoni kwantitattiva jew miżura li jkollha effett ekwivalenti.

Kull miżura li tirrestrinġi l-ħruġ ta' liċenzi fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni għal kategorija speċjali ta' persuna għandha titqies bħala miżura li jkollha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva.

L-Artikolu 12

1. Jekk għal raġuni ta' importazzjoni jew esportazzjoni s-suq Komunitarju fi prodott wieħed jew iktar speċifikat fl-Artikolu 1(1) jesperjenza jew jiġi mhedded b'disturbi serji li jistgħu jipperikolaw l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat, miżuri approprjati jistgħu jiġu applikati fil-kummerċ ma' pajjiżi terzi sakemm dawn id-disturbi jew din it-theddida ta' disturb jieqfu.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu u jiddefinixxi l-każijiet li u l-limiti li fihom l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri protettivi.

2. Jekk is-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 isseħħ, il-Kummissjoni għandha, fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva proprja tagħha, tiddeċiedi dwar il-miżuri neċessarji; il-miżuri għandhom jiġu kkomunikati lill-Istati Membri u għandhom ikunu applikabbli immedjatament. Jekk il-Kummissjoni tirċievi talba minn Stat Membru, għandha tieħu deċiżjoni fuqha fi żmien 24 siegħa wara li tirċeviha.

3. Il-miżuri deċiżi mill-Kummissjoni jistgħu jiġu riferuti lill-Kunsill minn kull Stat Membru fi żmien tliet ijiem utli wara l-jum li fih kienu kkomunikati. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mingħajr dewmien. Jista' b'maġġoranza kkwalifikata jemenda jew iħassar il-miżuri inkwistjoni.

L-Artikolu 13

Il-prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1) li huma ffabbrikati jew ottenuti minn prodotti mhux speċifikati fl-Artikoli 9(2) u 10(1) tat-Trattat ma jistgħux jiġu ammessi għall-ċirkolazzjoni libera fil-Komunità.

L-Artikolu 14

Sabiex jittieħed kont ta' kull restrizzjoni fuq ċirkolazzjoni libera imposta inkonsegwenza għall-miżuri biex jipprevienu t-tixrid ta' mard ta' l-annimali, miżuri eċċezzjonali jistgħu jittieħdu taħt il-proċedura prevista fl-Artikolu 17 biex isostnu kull suq effettwat minn dawn ir-restrizzjonijiet. Dawn il-miżuri jistgħu jittieħdu biss sal-limitu li u għal dak il-perjodu li hu strettament neċessarju għas-sostenn ta' dak is-suq.

L-Artikolu 15

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-informazzjoni neċessarja għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Regoli għall-komunikazzjoni u d-distribuzzjoni ta' din l-informazzjoni għandhom jiġu adotatti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17.

L-Artikolu 16

1. Huwa hawnhekk stabbilit Kumitat Amministrattiv għall-Laħam tat-Tjur u l-Bajd tat-Tjur (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat"), li jikkonsisti minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri b'rappreżentant tal-Kummissjoni bħala l-President.

2. Fil-Kumitat il-voti ta' l-Istati Membri għandhom jiġu peżati skond l-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-President m'għandux jivvota.

L-Artikolu 17

1. Meta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tiġi segwita, il-President għandu jirreferi l-kwistjoni lill-kumitat jew

fuq l-inizjattiva propja tiegħu jew fuq it-talba tar-rappreżentant ta'Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-Opinjoni tiegħu dwar dawn il-miżuri f'limitu ta' żmien li għandu jiġi stabbilit bill-President skond l-urġenza tal-kwistjoni. L-Opinjoni għandha tiġi adottata b'maġġoranza ta' 41 vot.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri li għandhom japplikaw immedjatament. Madankollu, jekk dawn il-miżuri mhumiex skond l-Opinjoni tal-Kumitat, għandhom imbagħad jiġu kkomunikari mill-Kumissjoni lill-Kunsill. F'dak il-każ il-Kummissjoni tista', għal mhux iżjed minn xahar mid-data ta' din il-komunikazzjoni, tipposponi l-applikazzjoni tal-miżuri li tkun adottat.

Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahar.

L-Artikolu 18

Il-Kumitat jista' jikkunsidra kull kwistjoni oħra riferita lilu mill-President tiegħu jew fuq l-inizjattiva proprja tiegħu jew fuq talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

L-Artikolu 19

Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan ir-Regolament, l-Artikoli 92 sa 94 ta' dan it-Trattat għandhom japplikaw għall-produzzjoni ta' u l-kummerċ fil-prodotti speċifikati fl-Artikolu 1(1).

L-Artikolu 20

Dan ir-Regolament għandu jiġi hekk applikat li jittieħed kont, b'mod approprjat u fl-istess ħin, ta' l-objettivi stabbiliti fl-Artikoli 39 u 110 tat-Trattat.

L-Artikolu 21

Fil-każ li l-Italja jkollha rikors għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 [1] tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali, il-Kunsill waqt li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jevita distorzjonijiet ta' kompetizzjoni.

L-Artikolu 22

1. Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 122/67/KEE [2] tat-13 ta' Ġunju 1967 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd, kif l-aħħar emendat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-1 ta' Jannar 1973 [3] li jaġġusta d-dokumenti li jikkonċernaw l-adeżjoni ta' l-Istati Membri ġodda għall-Komunitajiet Ewropej, huwa hawnhekk imħassar.

2. Ir-referenzi kollha għar-Regolament imħassar mill-paragrafu 1 għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Referenzi għall-artikoli ta' dak ir-Regolament għandhom jinqraw skond il-korrelazzjoni mogħtija fl-Anness II.

L-Artikolu 23

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-l ta' Novembru 1975.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta' Ottubru 1975.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MARCORA

---

[1] ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 7.
[2] ĠU 117, tad-19.6.1967, p. 2293/67.
[3] ĠU L 2, ta' l-1.2.1973, p. l.

L-ANNESS I

Intestatura CCT Nru	Deskrizzjoni tal-merkanzija
18.06	Ċikkulata u preparati oħrajn ta' l-ikel li jikkontienu l-kawkaw
19.03	Imqarrun, spagetti u prodotti simili: A. Li jikkontienu l-bajd
19.08	Għaġina, gallettini, kejkijiet u affarijiet oħrajn tal-furnara, kemm jekk jikkontienu l-kawkaw u kemm jekk le fi kwalunkwe proprozjon
22.09C	Xorb spirituż: eż V. Oħrajn: — Li jikkontieni l-bajd jew l-isfar tal-bajd
35.02A	Albumini: II. Oħrajn: eż a) Ovalbumina: 1. Niexfa (per eżempju, f'folji, qxur, biċċiet, trab) 2. Oħrajn

L-ANNESS II

Il-Korrelazzjoni

Ir-Regolament Nru 122/67/KEE	*Dan ir-Regolament*
L-Artikolu 13a	L-Artikolu 14
L-Artikolu 14	L-Artikolu 19
L-Artikolu 22	L-Artikolu 21
L-Anness	L-Anness I